***-nuqqas ta' smiegħ xieraq***

***-nuqqas li jiġu eżawriti rimedji ordinarji – diskrezzjoni jekk il-Qorti tidddeklinax jew le l-ġurisdizzjoni tagħha***

***-ċertezza tad-dritt***

***-aċċettazzjoni tas-sentenza***

**QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Kost. Nru. 102/2018 GM**

**Seduta tal-15 t'Ottubru 2019**

Tabib Michael Azzopardi

vs.

Avukat Generali u Perit Ian Zammit, Victoria mart il-Perit Andre` Zammit f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja tal-assenti Margaret Zulauf mart Helmut, residenti l-Germanja u ta' Susan mart Peter Rodda residenti l-Awstralja, Agnes Jones f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja ta' Sister Helen Jones residenti l-Egittu, Monica mart David Michael Brierley, u Louis Jones.

Il-Qorti,

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża, r-rikorrent qiegħed jitlob rimedju għal ksur ta' smiegħ xieraq fi proċeduri quddiem dawn il-Qrati;

**FATTI**

Illi l-ġrajjiet li taw lok għal din il-kawża żvolġew kif ġej:

(1) Ir-rikorrent huwa l-inkwilin tal-fond residenzjali numru 477, High Road, Santa Venera. Din il-kirja ġiet fis-seħħ qabel is-sena 1995. Oriġinarjament il-fond kien ingħata b'enfitewsi temporanja u mat-terminazzjoni tal-enfitewsi, inħolqot kirja *ope legis*.

(2) Ir-rikorrent huwa tabib u fl-imsemmija dar tiegħu għandu kamra waħda li juża sabiex jinvista lill-pazjenti.

(3) Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Jannar 1994 fl-ismijiet *Evelyn Jones et vs Dottor Michael Azzopardi (Rikors 151A/91)* (sentenza esebita a fol 35 Dok MA1 tar-*Rikors Numru 110/2011*), il-Bord li Jirregola l-Kera kien iddeċieda illi "l-fond huwa mikri għall-abitazzjoni pero` xejn ma jimpedixxi lill-kerrej li juża waħda mill-kmamar tal-fond bħala klinika stante li hu tabib. Il-kerrej hu espressament projbit milli jiftaħ bieb mill-kamra li huwa juża bħala klinika għal ġo t-triq."

(4) Fl-2011, sidien il-kera, l-intimati odjerni Perit Ian Zammit u oħrajn, ippreżentaw proċeduri għal żgumbrament fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet *Perit Ian Zammit et vs. Dr. Michael Azzopardi (Rikors 110/2011)* peress li huma sostnew li l-esponent ma ħallasx il-kera awmentata kif ippretendew huma. Ir-rikorrent odjern ma qabilx li r-rata ta' zieda fil-kera għandu jkun dak provdut fl-

artikolu 1531D tal-Kodici Civili peress li l-klinika żgħira tiegħu ma taqax fid-definizzjoni ta' fond kummerċjali u lanqas fid-definizzjoni ta' *casa bottega*.

(5) Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Marzu 2014 *(Rikors 110/2011)*, il-Bord li Jirregola l-Kera ċaħad it-talba għall-iżgumbrament minħabba morożità fil-ħlas tal-kera, għal zewġ raġunijiet:

> 1. "… fl-ewwel lok ma jistgħax jitqies li saret dik l-interpellanza rikjesta mil-ligi. Fit-tieni lok, l-intimat ma jistgħax jitqies li naqas mill-obbligu tiegħu jekk qatt ma kien interpellat biex iħallas il-kera fis-sena preċedenti l-ittra uffiċjali tal-10 t' Awwissu 2011;
>
> 2. Hija l-fehma ta` dan il-Bord illi la darba l-intimat, anke permezz ta` korrispondenza preċedenti l-ittra interpellanti l-kera, ma jaqbilx li l-fond għandu jkun soġġett għall-awment bħala fond kummerċjali, r-rikorrenti kellhom, fiċ-ċirkostanzi, l-ewwel jottjenu ġudizzju li dak l-awment huwa applikabbli imbagħad jinterpellaw ħlas tal-kera deċiża. L-objezzjoni tal-intimat li ma jħallasx il-kera kif awmentata hija għalhekk waħda ġustifikata sakemm tkun deċiża f'ġudizzju eventwali."

(6) Il-Perit Ian Zammit et ippreżentaw appell mis-sentenza.

(7) Permezz ta' sentenza tat-8 ta' April 2016 (Rikors 110/2011), il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ċaħdet l-appell tal-Perit Ian Zammit et:

> "2. Taħt il-Kap. 158, il-morożità tal-kera li twassal biex is-sid ikollu l-jedd li jġedded il-kirja, teħtieġ **sejħa waħda** ta` ħlas għal żewġ skadenzi (ara Artikolu 5(3)(b)).

“3. Għalhekk ma jidhirx li għal finijiet ta` din il-kawża hu determinanti jekk sidien il-kera kellhomx jinterpellaw lill-inkwilin darba jew darbtejn, peress li ma’ japplikax l-Artikolu 9(a)(i) tal-Kap. 69.

“4. Fit-tweġiba l-appellat qal:-

“…. Anki jekk jiġi ntavolat kawża għall-awment fil-kera din ma tistax tissussisti stante li gja hemm sentenza f’dan ir-rigward rik 151A/91 Evelyn Jones vs Dottor Michael Azzopardi deċiża u għalhekk lanqas din it-talba ma tista’ tiġi milqugħa”.

“L-appellat qiegħed jiżbalja. Is-sentenza ngħatat fl-1994, u fis-sena 2009 il-liġi tal-kera ġiet emendata bl-Att X. Kif qal il-Bord f’dik is-sentenza, “m’hemm xejn li jżomm lill-kerrej li juża waħda mill-kmamar tal-fond bħala klinika stante li hu tabib”. Però dan il-fatt iwassal biex sidien il-kera għandhom kull jedd għar-reviżjoni fil-kera bil-mod kontemplat fl-Artikolu 1531D tal-Kodiċi Ċivili, u dan diment li jibqa’ juża’ parti fond bħala klinika (ara Artikolu 1531(K)(b) tal-Kodiċi Ċivili).

“5. Hu ovvju li fejn m’hemmx qbil dwar ir-rata ta’ kera li għandha titħallas, il-kwistjoni trid tiġi determinata minn awtorita’ ġudizzjarja. L-għan wara l-provvediment fuq il-morożità tal-inkwilin mhux intiż sabiex jissorprenduh, iżda li ma jippermettux li inkwilin jibqa’ jokkupa l-fond meta jkun qiegħed sfaċċatament jaħrab minn wieħed mill-obbligi prinċipali, ċjoe’ l-obbligu li jħallas il-kera. Filwaqt li l-qorti taqbel mar-raġunament tal-appellanti għal dak li jirrigwarda l-jedd tagħhom li jitolbu l-

awment fil-kera skond l-Artikolu 1531D tal-Kodiċi Ċivili, min-naħa l-oħra meta tqies li:-

i. kien hemm kontestazzjoni dwar jekk kienx dovut żieda fil-kera, li fil-fehma tal-qorti għandha tiġi deċiża minn awtorita' ġudizzjarja. Wieħed irid jiftakar li dan m'huwiex każ fejn il-partijiet ikunu f'kuntratt ta' lokazzjoni kkontemplaw żieda fil-kera, iżda żieda ex lege. Il-qorti tifhem li bil-mod kemxejn konfuż li bih saru l-emendi fil-liġi tal-kera, ser ikun hemm każijiet fejn jinħoloq diżgwid u nċertezzi. Biżżejjed li wieħed jara l-Artikolu 39 tal-Att X tal-2009 u mbagħad jirreferi għal liġijiet speċjali (Kap. 69 u 158) fejn għad hemm il-provvedimenti li jirregolaw iż-żieda fil-kera. Dan il-fattur m'għandux ikun mezz biex inkwilin li jkun qiegħed iħallas il-kera regolarment, isib ruħu daharu mal-ħajt li jrid iħallas iż-żieda fil-kera li jintalab minħabba 'l biża` li jiġi żgumbrat mill-fond.

ii. L-appellat offra l-ħlas ta' dik il-parti tal-kera mhux kontestata, u kienu s-sidien il-kera li m'aċċettawhiex. Sussegwentement l-appellat iddepożita l-kera fil-qorti;

iii. Ma tħallsitx biss dik il-parti li l-appellanti kienu qegħdin jippretendu;

m'hemmx lok li l-qorti tiddikjara li hemm dik il-morożità li twassal għat-terminazzjoni tal-kirja.

"Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li gialadarba l-Qorti għamlitha ċara li għall-kirja in kwistjoni japplika l-Artikolu

> 1531D tal-Kodiċi Ċivili, issa l-appellat jaf xi ħlas hu dovut fir-rigward tal-perjodu meritu tal-kawża Spejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa."

(8) Il-Perit Ian Zammit et ippreżentaw proċeduri għal ritrattazzjoni mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' April 2016. Ilmentaw illi fid-*decide* tagħha, il-Qorti tal-Appell Inferjuri ddeċidiet dwar xi ħaġa li mhix fit-talba (Artikolu 811(f) tal-Kap. 12) fis-sens illi għalkemm it-talba kienet waħda ta' żgumbrament, il-Qorti tal-Appell Inferjuri marret oltre u ddeterminat l-ammont ta' kera li dehrilha li għandu jithallas, mingħajr ma kien hemm l-ebda talba għal dan.

Illi t-Tabib Azzopardi ippreżenta risposta fil-25 ta` Lulju 2016 u fiha qal hekk:

> "Il-Qorti tal-Appell ammettiet ukoll li jista` jkun hemm konfusjoni li bih saru l-emendi fil-Ligi tal-Kera fejn seta jiġi kkreat sitwazzjoni ta` diżgwid u inċertezza u għalhekk din il-Qorti tat deċiżjoni fejn ippermettiet lill-inkwilin jirregolizza ruħu anki tenut kont tal-fatt illi hu kien qiegħed jħallas il-kera regolarment. Dan ma jfissirx li l-Qorti marret lil hinn minn dak li ġie mitlub. Anzi l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba ta` żgumbrament u ddeterminat hi l-awment.
>
> "... Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet fuq premessi hija ġusta u għandha tiġi konfermata in toto minn din l-Onorabbili Qorti.."

(9) Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Gunju 2017 fl-ismijiet *Perit Ian Zammit et vs. Dr. Michael Azzopardi (Rikors 110/2011)*, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet hekk il-proċeduri ta' ritrattazzjoni:

> "Ir-ritrattand qed jissottometti li t-talba kienet għal żgumbrament u l-Qorti tal-Appell marret oltre billi iddeċidiet liema liġi hi applikabbli għal każ, l-awment dovut u xorta waslet biex ċaħdet it-talba ta` żgumbrament. Il-Qorti tirrileva illi hu minnu illi l-liġi applikabbli kienet dik sostenuta mir-ritrattand u illi l-ammont ta` kera kienet dik li kienu qed jippretendu r-ritrattandi, pero l-Qorti tal-Appell setgħet straħet biss fuq il-kwistjoni dwar il-proċedura li kellha tiġi addottata mis-sid meta jkun hemm diżgwid fuq l-awment dovut ex lege u fejn l-inkwilin ma jkunx arbitrarjament qed jonqos milli jħallas xejn mill-kera iżda jikkontesta biss dak li ma jaqbilx dwaru. Il-Qorti setgħet waqfet hemm u qieset li ittra uffiċjali *App Bord 110/2011MC Zammit et vs Azzopardi* b'intimazzjoni ta` ħlas u kawża għal żgumbrament fin-nuqqas, f'ċirkostanzi simili mhix proċedura idonea għall-każ. Dan kien ifisser li s-sid kien ikollu jibda mill-ġdid u jmur il-Bord li Jirregola l-Kera biex tiġi l-ewwel iffissata l-kera ġusta. Minflok il-Qorti tal-Appell, b'intenzjoni ċara sabiex jonqsu proċeduri żejda mill-Qrati u dan prinċipalment għal benefiċċju tal-partijiet partikolarment għas-sid wara li qieset il-ligi applikabbli, iffissat il-kera ġusta bl-awment dovut u f'dan l-istadju l-inkwilin issa ma jistgħax isostni diżgwid fuq l-ammont dovut għax dan ġie iffissat direttament mill-Qorti tal-Appell flok ħalliet lis-sid jibda proċeduri oħra b'telf ta` żmien u spejjeż biex tiġi iffissata l-kera. <u>Dan mhux każ ta` Qorti li iddeċidiet dak mhux mitlub iżda każ fejn il-Qorti fehmet tassew il-vertenza u flok ċaħdet it-talba u ħalliet lis-sid jerġa' jibda mill-</u>

ġdid tatu s-soluzzjoni li kien ser ikollu xorta jasal għaliha f'sede oħra b'telf ta` żmien u spejjeż. Il-ġudizzju tal-Qorti tal-Appell f'dawn iċ-ċirkostanzi kien konsegwenza naturali, espedjanti u fuq kollox gusta biex il-vertenza proprja bejn il-partijiet tigi deciza darba għal dejjem.

**"Decide**

"Għalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad ir-rikors ta' ritrattazzjoni tal-Perit Ian Zammit u ohrajn, bl-ispejjeż għar-rikorrenti";

## L-ILMENT TAR-RIKORRENT

Illi l-ilment ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent huwa bbażat fuq dawn ir-raġunijiet:

(1) fi proċeduri dwar żgumbrament, il-Qorti tal-Appell, mingħajr ħadd ma ressaq talba għal daqshekk, qabdet u ffissat u rrevediet il-kera. B'hekk il-Qorti tal-Appell iddecidiet dwar xi haga li ma kinitx fit-talba. Agħar minn hekk, il-Qorti tal-Appell ***ma semgħetx lill-partijiet dwar x'kellha tkun il-kera*** izda qabdet u ffissatha fuq bazi kummerċjali mingħajr ebda preavviz u għalhekk ma tathomx l-opportunita` ta' dibattiment fuq x'kellha tkun il-kera izda qabdet u rrevediet il-kera fuq bazi kummereċjali, mingħajr ma dan kien permissibbli għaliha. Minhabba li ma tat l-ebda opportunita` ta' dibattiment fuq x'kella tkun il-kera u ma tat l-ebda opportunita` lill-esponent li jgħid għaliex huwa dejjem sahaq li l-klinika tiegħu mhux kummerċjali, il-Qorti waslet biex iffissat il-kera fuq materja li ma kienet semgħet u taf xejn fuqha u qabdet u rrevediet il-kera fuq bazi kummerċjali, mingħajr ma kien permissibli għaliha li tagħmel dan. Għalhekk, ir-rikorrent odjern ma kellux smigħ xieraq.

(2) l-esponent huwa Tabib mhux negozjant jew kummercjant u jezerċita professjoni nobbli mhux negozju. Għalhekk, it-tikketti 'kummerc', 'hanut' u 'kummereċjali' ma jgħoddux għalih peress li hu mhux negozjant, l-istess kif ma japplikax għalih il-kuncett ta' ***casa bottega*** peress li l-kelma 'bottega' tfisser hanut. Il-fond in kwistjoni huwa dar ta' abitazzjoni, li fiha r-rikorrent jiddedika kamra wahda biss biex fiha jezamina l-pazjenti fil-qadi tal-professjoni tiegħu bhala Tabib. Dwar dan, il-Bord stess kien osserva illi "*l-fond huwa mikri għall-abitazzjoni pero` xejn ma jimpedixxi lill-kerrej li juza wahda mill-kmamar tal-fond bhala klinika stante li hu tabib*" *(Rikors 151A/91*). B'dandakollu, il-Qorti kkwalifikat id-dar tiegħu bhala ***casa bottega*** minkejja li huwa m'għandu l-ebda affinita` mal-kummerc. Billi d-dar tiegħu giet ikkunsidrata mill-Qorti bhala ***casa bottega***, gie applikat fil-konfront tad-dar ta' residenza tiegħu l-Artikolu 1531K tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu 1531K jirriferik għall-Artikolu 1531D, li jittratta "fondi kummereċjali". L-esponent jissottometti li l-Qorti injorat il-ligi u l-gurisprudenza nostrana, li dejjem applikat it-terminu ***casa bottega*** għall-kaz ta' hanut, u qatt fir-rigward ta' kamra li fiha Tabib jezamina pazjenti fil-qadi tal-professjoni tiegħu. Il-kummercant jew negozjant jissodisfa certi kriterji orjentati principalment lejn il-generazzjoni ta' qliegħ, liema kriterji t-Tabib ma jissodisfax peress li l-professjoni tiegħu għandha għanjiet ferm differenti minn dawk ta' negozjant. It-Tabib jakkwista l-kwalita` proprja ta' Tabib minħabba l-kwalifiki li għandu u l-*warrant* li jingħata biex jikkura u jfejjaq lill-pazjenti, hwejjeg dawn li ma jezistux fil-kaz ta' negozjant. Difatti, il-figura ġuridika ta' negozjant tista' tinkarna ruhha anki f'socjeta` kummerċjali minbarra persuna fizika, mentri fil-kaz ta' Tabib mhuwiex hekk. Barra minn hekk, il-figura ta' ***casa bottega*** ma tistax tigi applikata fil-kaz ta' Tabib mediku. Il-proceduri gudizzjarji *Rikors 110/2011* fihom dina d-***distorzjoni fundamentali li tivvjola l-principju ta' smigħ***

***xieraq***. Fir-rigward tal-Artikolu 1531D tal-Kodici Civili, il-Qorti tal-Appell irrimarkat -

> "Provvediment li qiegħed jipprospetta sitwazzjoni fejn parti mill-fond qiegħed jintuza bhala residenza u parti ohra bhala kummereċjali, proprju kif inhu l-kaz in ezami." [1]

> "… sidien il-kera għandhom kull jedd għar-revizjoni fil-kera bil-mod kontemplat fl-Artikolu 1531D tal-Kodici Civili, u dan diment li jibqa' juza parti mill-fond bhala klinika (ara Artikolu 1531K(b) tal-Kodici Civili)." [2]

Il-Qorti tal-Appell ma ddeliberatx fuq id-difiza ta' l-esponent illi dawn id-dispozizzjonijiet ma jgħoddux għalih għaliex il-kirja hija ta' dar ta' residenza u mhux ***casa bottega***.

(3) fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni, il-Qorti tal-Appell ma mexxietx sewwa l-kawza billi ***ġabet fix-xejn l-ilment validu dwar 'ultra petita',ħaġa li ma setgħetx issir.*** Barra minn hekk, fl-istadju tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni, il-Qorti tal-Appell ***xorta applikat l-Artikolu 1531K tal-Kodici Civili*** għall-fond mikri lill-esponent minkejja li huwa jezerċita, f'kamra wahda li hemm fih, il-professjoni ta' Tabib u mhux il-kummerċ. Dan seħħ għax il-Qorti ma tat l-ebda opportunita` lill-esponent biex ifisser il-pozizzjoni tiegħu.

---

[1] Pagna 4 tas-sentenza tat-8 ta' April 2016, l-ewwel paragrafu.
[2] Pagna 4 tas-sentenza tat-8 ta' April 2016, l-ahhar parti tal-paragrafu bin-numru 4.

(4) Il-linja ta' difiza tiegħu li l-'consulting room' tiegħu, kamra zgħira laterali li għandha bieb wieħed li jiftaħ għal gewwa  r-residenza u mhux għal barra t-triq, u li lanqas fiha ventilatur, ma tikkwalifikax bhala 'klinika' fis-sens tal-ligi (bhalma huma St Anne's Clinic, St James Clinic, ecc.), giet injorata billi huwa dejjem sostna li l-fond mikri lilu m'għandux jitqies ***casa bottega***. Sentenzi bhal dawn li jingħataw mingħajr ma tkun ingħatat l-opportunita` li wiehed ifisser il-kas tiegħu u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward, ma jkunux rizultat ta smiegħ xieraq kif garantit mill-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**TALBIET TAR-RIKORRENT**

Illi abbażi tal-premess, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti:

(1) twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

(2) tiddikjara illi huwa ma kellux smigħ xieraq fil-proceduri *Rikors Numru 110/2011* u għalhekk sofra vjolazzjoni tad-dritt garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

(3) u għar-ragunijiet hawn fuq imfissra, in kwantu ġie stabbilit arbitrarjament x'għandu jkun il-kera mingħajr ma ngħatat l-opportunita` lir-rikorrent li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward u mingħajr ma ngħatat konsiderazzjoni għal-linja ta' difiza tiegħu hawn fuq spjegata, tordna li d-determinazzjoni tal-kera tintbagħat lura quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jiġi ffissat il-kera gust li għandu jithallas, prevja kull provvediment iehor opportun.

(4) B'rikors tat-8 ta' Frar 2019,[3] ir-rikorrent żied lanjanza oħra mar-rikors promotur tiegħu, u cioe` sabiex jigi ddikjarat illi fil-proceduri *Rikors Numru 110/2011* huwa ma kellux smigħ xieraq ukoll peress li ġiet injorata s-sentenza tal-21 ta' Frar 1994 mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera wara li din is-sentenza finali saret ***res judicata***, u għalhekk sofra vjolazzjoni separata tad-dritt garantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

**RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI**

Illi l-Avukat Generali eċċepixxa illi:

(1) r-rikorrent għażel li ma jużufruwixxix mir-rimedju ordinarju mogħti lilhu taħt l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fit-terminu impost bl-Artikolu 818 tal-istess Att.

(2) Mhux talli ma rrikorrix għar-rimedju ordinarju li kien għad-disposizzjoni tiegħu daqs kemm kien għall-intimati l-oħra f'dawn il-proċeduri, talli b'din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed jikkontradixxi l-posizzjoni li ħa fil-proċeduri in kontestazzjoni b'dan għalhekk jagħmel din l-azzjoni waħda frivola u vessatorja. Dan jingħad stante li in risposta għar-rikors ta' ritrattazzjoni, ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri b'mod konsistenti wera li huwa jaqbel mad-deċiżjoni mogħtija fit-8

[3] Fol 132. B'digriet kamerali tal-25 ta' Ġunju 2019 din il-Qorti laqgħet it-talba kontenuta f'dan ir-rikors sabiex tiżdied din il-lanjaza

t'April 2016 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) li 'għall-kirja in kwistjoni japplika l-Artikolu 1531D'.

> *[...] għalhekk din il-Qorti tat decizzjoni fejn ippermettiet lill-inkwilin jirregolizza ruhu anki tenut kont tal-fatt illi hu kien qiegħed ihallas il-kera regolarment. Dan ma jfissirx li l-Qorti marret lil hinn minn dak li gie mitlub. Anzi l-Qorti tal-Appell cahdet it-talba ta' zgumbrament u ddeterminat hi l-awment.*
>
> *[...]*
>
> *[...] jitlob bir-rispett illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet fuq premessi hija gusta u għandha tigi konfermata in toto minn din l-Onorabbli Qorti u t-talba tar-ritrattand għandha tigi michuda [...]*

(3) Din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali tagħha hija kompetenti biss biex tiddeċiedi jekk ġewx leżi xi drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u mhux li tirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Qrati l-oħra sabiex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le. Kif tgħallimna l-proċedura nostrana, proċeduri kostituzzjonali qatt m'għandhom jieħdu xejra ta' *terzo appello*.

(4) Ċertament ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kellhux l-opportunità li jiddefendi l-każ tiegħu billi jipproduċi provi jew jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Illi l-kwistjoni kollha kif fil-fatt irrikonoxxxit il-Qorti tal-Appell ma kelliex tkun dik ta' zgumbrament a bażi li l-inkwilin rikorrent ma ħallasx il-kera iżda l-kwisjonti kollha kienet tirrivolvi fuq l-ammont ta' kera li kellu jitħallas in vista tal-fatt li bl-emendi tal-Att X tal-2009, ir-rata tal-kera għal fond użat kemm għall-abitazzjoni kif ukoll bħala fond kummerċjali hija rregolata bl-Artikolu 1531K tal-Kodiċi Ċivili.

(5) Xejn mhu minnu li l-Qorti tal-Appell li semgħet ir-ritrattazzjoni ġabet fix-xejn l-ilment ta' ultra petita; pjuttost għandu jingħad li dik il-Qorti spjegat tajjeb x'kienet l-intenzjoni tal-Qorti tal-Appell, u ċioe'

> *b'intenzjoni ċara sabiex jonqsu proceduri zejda mill-Qrati u dan principalment għal beneficcju tal-partijiet partikolarment għas-sid wara li qieset il-ligi applikabbli, iffissat il-kera gusta bl-awment dovut u f'dan l-istadju l-inkwilin issa ma jistax isostni dizgwid fuq l-ammont dovut għax dan gie iffissat direttament mill-Qorti tal-Appell flok ħalliet lis-sid jibda proceduri ohra b'telf ta' zmien u spejjez biex tigi iffissata l-kera.* ***Dan mhux kaz ta' Qorti li iddecidiet dak mhux mitlub izda kaz fejn il-Qorti fehmet tassew il-vertenza u flok cahdet it-talba u halliet lis-sid jerga' jibda mill-ġdid tatu s-soluzzjoni li kien ser ikollu xorta jasal għaliha f'sede ohra b'telf ta' zmien u spejjez****. Il-gudizzju tal-Qorti tal-Appell f'dawn ic-cirkostanzi kien konsegwenza naturali, espedjenti u fuq kollox ġusta biex il-vertenza proprja bejn il-partijiet tigi deċiza darba għal dejjem* (Enfażi miżjud)";

## RISPOSTA TA' SIDIEN IL-POST

Illi sidien il-post eċċepew illi:

(1) l-lment kwantu ibbazat fuq allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq u tenur tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa infondat u huwa manifestament frivolu u/jew vessatorju billi:

a) l-allegat lment odjern jikkontradiċi l-posizzjoni li ħa l-istess Tabib Azzopardi fil-proċeduri imsemmija ta' ritrattazjoni li ġew deċizi fis-27 ta Ġunju 2017.

b) r-rikorrenti manifestament m'għandux victim status

Illi t-tabib Azzopardi m'għandu ebda *victim status* kemm a bazi tal-premess kif wkoll billi huwa qed jgwadi l-fond, Palazzo Toretta, versu kera efimera u taħt kondiozzjonijiet ferm vantaġġjuzi għalih.

Jekk hemm *victim* huma propju l-esponenti billi, kif jirrizulta mir-rapport u stima hawn annessi, l-fond huwa stmat li jiswa zewġ Miljun Euro u b'rata ta 2% dan jġib valur lokatizju annwali ta' €40,000. It-tabib Azzopardi sorprendentement qed jilmenta minn kera li skond l-Art 1531D illum jigi għal €2282.69 fis-sena. Huma propju l-esponenti li għandhom *victim status* u m'hux t-Tabib Azzopardi.

(2) Il-proċess Kostituzzjonali m'għandux jservi bħala proċess ta' Appell mil-ġdid – partikolarment meta r-rikorrenti jekk ried, seta javalla ruħu minn proċeduri ordinarji idoneji ta' ritrattazjoni taħt l-Art 811 (e), (f), (g), u/jew (l) u għalhekk a tenur tal-Art 46 (2) tal-Kostizzjoni u l-Art 4 (2) tal-Kap 319 l-Qorti għandha tiddeklina milli tezerċita d-diskrezzjoni tagħha.

Fil-kaz odjern kien, stante illi l-kawza ġiet deċiza finalment wieħed jistenna li jkun hemm ċertezza dwar l-vertenza anke jekk wieħed ma jaqbilx mad-deċizjoni.

(3) fi proċeduri ta' indoli kostituzzjonali ta' din x-xorta partikolari, l-esponenti m'humiex l-leġittimi kontradittturi stante illi f'allegazzjonijiet simili huwa l-istat li għandu jwieġeb u m'hux l-individwu. Lment kif mressaq mir-rikorrenti ma jsibx applikazzjoni orizzontali fil-konfront ta ċittadin ordinarju li avalla ruħu minn proċess ġudizjarju sabiex vertenza tiġi trattata u determinata definittivament.

Fil-konfront taċ-ċittadin, jekk kien hemm applikazzjoni ħazina tal-liġi, *ultra jew extra petita* jew zball, r-rikorrenti seta javalla ruħu mid-disposizzjonijiet ordinarji (ez -Art 811 (e),(f),(g) u/jew (l) tal-Kap 12.

Ma ħarġu ebda fatti jew provi ġodda li ġew a konoxxenza tat-tabib Azzopardi wara li skada t-terminu prevvist fil-liġi.

Illi għalhekk, mingħajr preġudizzju għal premess, f'kaz li l-eċċezzjonijiet preċedenti jiġu miċħuda, għandha tiġi milqugħa din l-eċċezzjoni u konsegwentement l-esponenti għandhom jiġu liberati mil-osservanza bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

(4) jekk l-eċċezzjonijiet tal-esponenti jiġu miċħuda, jkunu qed jiġu vjolati drittijiet fondamentali tal-esponenti li jistennew li jkun hemm *legal certainty* meta vertenza tiġi determinata finalment wara proċess ordinarju. L-proċess Kostituzzjonali m'għandux jservi biex jxejjen sentenzi li għaddew in ġudikat wara proċess avverserjali kombattut *ad unguem*.

Għalhekk la darba id-deċiżjonijiet *de quo* għaddew *in ġudikat*, kemm dawk tal-Qorti tal-Appell u *multo maġis* din tal-Bord fil-kawza 151A/91, dawn id-deċiżjonijiet m'għandhomx jinbiddlu, u dan fid-dawl tal-prinċipju hawn fuq imsemmi taċ-ċertezza legali

(5) kontrarjament ta' dak li qed jallega r-rikorrenti, verament kien hemm smigħ xieraq. L-proċeduri għandhom jiġu ikkunsidrati fis-sħiħ, u dan kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qorti Kostituzzjonali stess, fosthom ***Anthony Zarb et vs Ministru tal-Ġustizzja deċiża fis-16 t'Ottubru 2002***. Illi in vista ta dan ser jiġi ikkunsidrat is-segwenti.

> "Infatti, huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk ingħatax smiegħ xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma għandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x`ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal għal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali għal smiegħ xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazjoni trid issir fuq lassjem ta` l-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, għax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista` jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` l-imsemmi dritt fondamentali."

Illi fil-kaz odjern kien hemm erba' stadji:

- Sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera 21/1/1994
- Sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera 13/3/2014
- Stadju quddiem l-Qorti tal-Appell wara appell interpost mil-esponenti 8/4/2016
- Stadju ta ritrattazjoni fil-Qorti tal-Appell wara talba mressqa mil-esponenti 27/6/2017

Illi fl-ewwel kawza ġie deċiz li l-inkwilin gġandu dritt jusa parti mil-fond bħala klinika. Fit-tlett stadji sussgwenti ġie dibattut jekk għandux japplika l-Art 1531 D tal-Kap sittax għal finijiet ta' awment tal-kera propju għaliex t-tabib avalla ruħu mid-dritt lilu mogħti fl-ewwel sentenza tal-Bord.

Il-punt ġie epurat u deċiz definittivament u f'dan r-rigward tajjeb li wieħed jfakkar l-kummenti tal-Ġudikant fl-istadju ta ritrattazjoni fejn ribadixxa,

> "Dan mhux kaz ta' Qorti li iddecidiet dak mhux mitlub izda kaz fejn il-Qorti fehmet tassew il-vertenza u flok cahdet it-talba u halliet lis-sid jerga' jibda mill-gdid tatu s-soluzzjoni li kien ser ikollu xorta jasal għaliha f'sede ohra b'telf ta' zmien u spejjez. Il-gudizzju tal-Qorti tal-Appell f'dawn ic-cirkostanzi kien konsegwenza naturali, espedjanti u fuq kollox gusta biex il-vertenza proprja bejn il-partijiet tigi deciza darba għal dejjem." (sottolejar tal-esponenti)

(6) għandha tiġi miċħuda l-kawzali tar-rikorrent li skond hu kien hemm distorzjoni fundamentali fir-rigward tal-kwistjoni ta jekk il-fond kellux ikun meqjus bħala Casa Bottega, u ta jekk l-imsejħa consulting room hijiex 'klinika', u li fi kliem ir-rikorrent, is-sottomissjonijiet tiegħu ġew injorati. Din il-kwistjoni kienet ġiet diġa deċiża fid-deċiżjoni tar-rikors numru 151A/91 u s-sentenzi sussegwenti komplew jibnu fuq din l-bazi.

7. It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda billi ir-rikorrent kellu kull opportunita possibli sabiex jressaq l-provi u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, u l-fatt sempliċi li fid-deċiżjonijiet tagħhom il-Qrati ikkonċernati ma ddeċidewx skont dak li xtaq ir-rikorrent, ma jfissirx li l-istess rikorrent ma kellux smiegħ xieraq. Fil-fatt, il-ġurisprudenza, anke dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tgħidilna illi d-dritt għall smiegħ xieraq ma jkunx ġie leż, diment illi s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikunu ġew ikkunsidrati. Ara ***Donadze vs Georgia*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2006 tal-Qorti diġa msemmijja. Il-pretenzjonijiet reċiproċi tal-partijiet ġew ikkonsiderati għall tlett darbiet, bi tlett opportunitajiet differenti, quddiem Bord u Qrati diversament preseduti, sabiex ir-rikorrenti seta jfisser il-każ tiegħu u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward.

Illi tant hu hekk illi fil-proċess ta' ritrattazzjoni ir-rikorrent qabel **in toto** mad-deċiżjonijiet preċedenti, kif diġa ġie muri aktar il-fuq. Għalhekk, m' huwiex ekwu u ġust illi r-rikorrent jgħid li d-dritt tiegħu għall smiegħ xieraq ġie leż meta kien hu stess li preċedentament ħa posizzjoni legali fejn aċċetta u qabel ma dak li kien ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell. Huwa żamm mas-sottomissjonijiet li kien diġa għamel, anke fir-rigward tal-kwistjoni tal-Casa Bottega, ħaġa li kienet l-għażla singulari tiegħu stess u li konsegwentament dik id-deċiżjoni ma tistax

tammonta għall-leżjoni tad-dritt tiegħu għall smiegħ xieraq, hekk kif id-dritt biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu kien fil-fatt ingħatalu.

(8) il-kunċett tal-*equality of arms,* bħala prinċipju bażiku tad-dritt għall smiegħ xieraq ġie sodisfatt hekk kif ir-rikorrent kellu kull opportunita sabiex jippreżenta l-evidenza tiegħu u dan *in linea* mal-ġurisprudenza, fosthom **Dombo Beheer B. vs The Netherlands** tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(9) Lanqas ma jista jingħad illi l-Qorti tal-Appell ma ddeliberatx fuq id-difiza tat-Tabib Azzopardi, u dan abbażi tal-argumenti kollha diġa msemmijja hawn fuq.

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-istess partijiet;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għallum għas-sentenza;

**KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment oriġinali seta' ġie ndirizzat permezz tar-rimedju tat-talba għat-tħassir u s-smiegħ mill-ġdid tas-sentenzi in kwistjoni; fi kliem ieħor permezz tal-azzjoni tar-ritrattazzjoni; proċedura li skont il-liġi ritwali hija diġa` eċċezzjonali u straordinarja meta mqabbla mar-rimedju ordinarju tal-appell; iżda minkejja

dan meqjusa bħala proċedura ordinarja meta meqjusa mill-ottika ta' proceduri dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, improprjament imsejjħa fil-prattika tal-foro tagħna bħala kawżi "kostituzzjonali";

Illi l-Kostituzzjoni stess tistabbilixxi li meta din il-Qorti "tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna" li tressaq l-ilment, hija "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont" l-Art. 46 tal-istess Kostituzzjoni. Jgħid l-istess ħaġa l-Artiklu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi mhix tassattiva jew kategorika fis-sens li jekk ikun hemm rimedju ieħor disponsibbli, il-Qorti bilfors ikollha tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha; tħalliha fid-diskrezzjoni għaqlija tal-imħallef; tħallieh ħieles li jiddeċiedi skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Hekk per eżempju l-Qorti tista' ssib li kien hemm biss rimedju parzjali, jew li r-rimedju l-ieħor ma ntużax tort ta' ħaddieħor, inkella r-rimedju ma jkunx prattikabbli, eċċessiv, effettiv, adegwat jew komplut.[4] Disposizzjoni ferm siewja li, bla ma teskludi xejn *a priori*, tipprovdi għarbiel sabiex dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni "kostituzzjonali" ma jiġux inondati b'kawżi ordinarji li jkunu setgħu ġew trattati b'mod adegwat mill-Qrati ordinarji.[5] Kawża "kostituzzjonali" ssir biss meta ma jista' jiġi akkwistat rimedju bl-ebda mod ieħor.[6] Altrimenti dan iwassal għat-trivjalizzazzjoni tal-proċedura speċjali li tħares allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali.[7] Kif irrimarkat din il-Qorti, diversament ippreseduta, in re: **John Grech v Prim Ministru**[8]**:**

> "… din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-

[4]John Grech v Prim Ministru 31.01.2014 Qorti Kostituzzjonali
; Ryan Briffa v Avukat Generali 20.03.2014 Qorti Kostituzzjonali; Lawrence Gonzi v Kummissjoni Elettorali 26.05.2016 Prim'Awla, per. Onor Imħallef Lorraine Schembri Orland

[5] ara fost ħafna oħrajn William Vella v Kummissarju tal-Art, 13.05.2013, Qorti Kostituzzjonali

[6] Salvatore Seychell v Angelo Grech 10.04.1967 Qorti Kostituzzjonali

[7] Tonio Borg, A Commentary on the Constitution of Malta, sena 2016, paġna 262

[8] John Grech v Prim Ministru 29.04.2013 Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ippreseduta mill-Onor Imħallef (Illum is-Sinjurija Tiegħu Prim Imħallef) Joseph Azzopardi; sentenza kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-31.01.2014 suċċitata

ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:

a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r–rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;

b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` jirrimedja ħlief in parti l- lanjanzi tar-rikorrenti;

e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.

f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

"Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li: "Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.

-omissis-

"Fil-kawża fl-ismijiet "**Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal- Malta Shipyards et**" (deċiża mill-Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:

'L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun **rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat** biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li **jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.**

'Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali.'

"Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et**" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012 li kopja tagħha ġiet ukoll esebita mill- Awtorita' intimata fl-atti tal-kawża.

"Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm mezzi li **'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.** F'dan il-każ ċertament il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri Kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta lanqas biss ipprova juża l-mezzi disponibbli għalih – anzi jidher li dawn il-meżżi għadhom sal-lum disponibbli. Wieħed ma jistax jaqbad u jistitwixxi proċeduri Kostituzzjonali sempliċement għaliex xi ħadd – hu min hu – jkun qatagħlu qalbu li l-meżżi ordinarji jistgħu jirnexxu";

Illi l-Qorti tqis li l-proċedura ta' impunjazzjoni tas-sentenza offruta mill-istitut tar-ritrattazzjoni kienet tkun adegwata, kompluta u faċilment utilizzabbli, għax din tindirizza l-ilment oriġinali tar-rikorrent: dak li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġiet mogħtija fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba (Art. 811(f) Kap 12). U jekk kien jirriżulta li r-rikorrent kellu raġun, ir-rimedju kien ikun mija fil-mija effettiv għaliex kien iwassal l-ewwel għat-tħassir tas-sentenza imbagħad għas-smiegħ tagħha mill-ġdid. Ir-rikorrent ma ġieb l-ebda raġuni l-għala ma rrikorriex għal dan ir-rimedju. Kwantu għat-tieni lment, mhux minnu li l-Qorti tal-Appell injorat il-ġudikat; f'dik il-kawża, ir-rikorrent odjern qajjem dan il-punt li ġie

ttrattat mill-istess Qorti. Il-fatt li kkunsidratu iżda ċaħditulu bl-ebda mod ma jammonta għal nuqqas ta' smiegħ xieraq;

Illi hemm raġuni oħra impellenti li ġġiegħel lill-Qorti tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha, u li tkopri kemm l-ilment oriġinali kif ukoll dak introdott waqt is-smiegħ ta' din il-proċedura. Ironikament, kienu s-sidien il-post li fetħu kawża ta' ritrattazzjoni, u dan proprju għall-ewwel raġuni miġjuba mir-rikorrent, u ċjoe` li l-Qorti tal-Appell statuwiet lil hinn mil-limiti tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet billi ddeċidiet fuq l-ammont tal-kera li kellu jitħallas. U mhux biss: ir-rikorrent, f'dik il-kawża ta' ritrattazzjoni, wieġeb li s-sentenza ma kienet xejn affattu *extra petita*, u li kienet ġusta u timmerita konferma. Jgħid x'jgħid ir-rikorrent, din tammonta għal aċċettazzjoni espressa għas-sentenza; aċċettazzjoni ċara u tonda; mhux sempliċi akkwijixxenza deżumibbli miċ-ċirkostanzi. L-istqarrija tar-rikorrent fir-risposta tiegħu għat-talba tas-sidien biex issir ritrattazzjoni hija assolutament inkonċiljabbli – anzi addirittura kontradittorja – mal-konservazzjoni tad-dritt li jimpunja dik is-sentenza. Ir-rikorrent ma jistax f'ċerti ċirkostanzi jgħid mod, u issa jgħid bil-maqlub, skont il-konvenjenza tal-mument. Dan mhux l-atteġġjament rett mistenni fi proċeduri ġudizzjarji; iktar u iktar fi proċeduri "kostituzzjonali" bħal dawn;

Illi fil-kunsiderazzjonijiet li jwassluha taċċettax il-ġurisdizzjoni tagħha jew tirrifjutaħx, din il-Qorti trid toħloq bilanċ mal-prinċipju tal-ġudikat. Fi kliem il-**Chiovenda**, dak il-patrijarka illustri tal-proċess ġudizzjarju modern, "***cosa giudicata consiste nell'indiscutibilita` dell'esistenza della volonta` concreta di legge affermata nella sentenza***".[9] Raġunijiet ta' prattiċita` u ta' utilita` soċjali iwasslu għal-limitazzjoni tal-possibilita` li jiġi diskuss ulterjorment dak li jkun ġie ppronunzjat mill-imħallef; li m'hu xejn għajr l-espressjoni tar-rieda tad-dritt fil-każ konkret, li jiggarantixxi xi għamla ta' ġid lil parti fil-konfront ta' parti oħra. Kien għalhekk li l-leġislatur Franċiż, in konsolidazzjoni mal-prinċipji

[9] Giuseppe Chiovenda, Principii di diritto processuale civile, stampat mill-ġdid f'Napoli, 1980, 906

borgeżi tar-Rivoluzzjoni Franċiża, illimita l-jedd għall-appell għal darba biss, salv imbagħad ir-rimedju tal-kassazzjoni f'każijiet eċċezzjonali. Eżawriti l-mezzi kollha ta' impunjazzjoni mogħtija mil-liġi, ikun hemm provvediment ġurisdizzjonali definittiv. Jinħtieġ li dan ikollu l-kwalitajiet tal-*istabbilita`* **u tal-irretrattabilita`. Dan fl-interess pubbliku suprem taċ-ċertezza tad-dritt. Kif ingħad in re: Zammit Pace v Zammit[10]:**

> "Opportunement pero` tajjeb li qabel xejn jinżamm in mira l-insenjament lodevoli akkolt fid-deċiżjoni fl-ismijiet: **Francesca Aquilina –vs- Neg. Giuseppe Gasan et**, Appell Kummerċjali, 5 ta' Novembru 1934 (**Vol. XXIX P I p 1155**): "L-*exceptio judicatae* ghandha bħala fondament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex '*interest rei publicae ut sit finis litium*'. Sentenza li għaddiet '*in giudicato*', jiġifieri li ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq – *res judicata pro veritate habetur* – jiġifieri l-fondament ta' l-*acti'* u ta' l-*exceptio judicati* hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija '*strictissime interpretationis'*.";

Illi fi żminijiet iktar riċenti, il-ħtieġa taċ-ċertezza tad-dritt ġiet elevata għal jedd fundamentali. Kif tajjeb irrilevaw l-intimati-sidien-il-post fir-risposta tagħhom[11]:

> " Illi ai termini tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u anke in linea mal-preambolu tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art 6 tal-istess Konvenzjoni, għandu jiġi ikkunsidrat is-segwenti, u iġifieri il-prinċipju taċ-ċertezza legali '*legal certainty'.* Illi fil *kaz klassiku* fl-ismijiet **Bruamrescu vs Romania**, deċiża nhar it-28 t'Ottubru 1999 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġie ritenut li
>
> " '*The right to a fair hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, among other things, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States.* ***One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty, which***

[10] Zammit Pace Remigio v Zammit Lucienne 27.06.2003 PA[PS]

[11] is-silta rilevanti ma ġietx riprodotta flimkien mar-Risposta iżda minflok qed tiġi riprodotta hawn a skans ta' ripetizzjonijiet inutili u għall-fini ta' espożizzjoni loġika

***requires, inter alia, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question'.*** *"* (emfasi miżjuda).

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni msemmija tal-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tal-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a kariku tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA